MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 670/2014

**Rachel u Fredrick Andre` konjugi Cauchi ghan-nom ta' u in rapprezentanza tal-minuri Michaelle Cauchi**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti datat 30 ta’ Lulju 2014 fejn esponew: -

Illi, l-minuri Michaelle Cauchi, ta' sess maskili, twieled fit-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) liema twelid gie debitament registrat u inghata n-numru ta' iskrizzjoni elfejn, tmiem mija sebgha u sebghin tas-sena elfejn u ghaxra (2877/2010), (Certifikat tat-twelid anness - Dok A);

Illi, ghalkemm isem il-minuri gie mnizzel fil-kolonna 'lsem il-Wild’ bhala 'Michaelle', dan sar bi zvista da parti tal-atturi, *stante* li l-atturi riedu jirregistraw lill-minuri bl-isem ta' Mikael;

Illi, din l-izvista qed tohloq diversi problemi u diffikultajiet, minhabba li l-isem tal-minuri huwa assoccjat mas-sess femminili;

Illi l-esponenti jirrelevaw umilment illi ghandhom interess skont il-ligi, u *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili (Kap 16. tal-Ligijiet ta' Malta li ssir debita korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-istess minuri kif ukoll fl-atti l-ohra civili ta' l-istess minuri;

Illi f’dawn il-proceduri l-Avv. Yana Micallef Stafrace u l-PL Madeline Firman gew assenjati bhala l-Avukat u l-Prokuratur Legali ta' l-atturi. L-esponenti qed juzufruwixxu mis-servizz tal-Ghajuna Legali. [Dok B: Inkartament Ghajnuna Legali].

**<u>TALBIET</u>**

Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex *in vista* tal-premess, m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna li issir annotazzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri bin-numru elfejn, tmiem mija sebgha u sebghin tas-sena elfejn u ghaxra (2877/2010), fis-sens illi l-isem Michaelle jinbidel ghal Mikael u b'hekk isem il-minuri jigi jaqra Mikael Cauchi;

2. Tordna illi l-isem Mikael Cauchi ghandu jibqa' jigi uzat fl-atti civili tieghu l-ohra kollha successivi u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-seduta tas-7 ta' Ottubru 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 5 ta' Settembru 2014 (fol 15) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża *a tenur* tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors

ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talba u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-11 ta' Novembru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Carina Nagiah u Rachel Cauchi prezenti, li ddikjarat li ma fadlilhiex provi ohra f' dan l-istadju. Prezenti Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur Registru Pubbliku li ddikjara li m' ghandux provi x' jipproduci f' dan l-istadju u rrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti hlief li jirrimetti ruhu dwar il-kap tal-ispejjez. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Dicembru 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrenti *nomine* qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat

ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi (fol.14).

Illi ir-rikorrenti ressqu din it-talba peress li isem binhom minuri gie registrat bhala 'Michaelle' minnflok 'Mikael'. Fl-affidavits taghhom esebiti[1] huma jikkonfermaw li l-isem maghzul ghall-minuri kien 'Mikael' izda tnizzel fil-forma attwali bi zball jew bi zvista.

Ikkonsidrat li fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, din il-Qorti hija soddisfatta li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha. Billi ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Intimat fejn dawn mhumiex kompatibbli ma din is-sentenza, tiddisponi mit-talbiet attrici skont dan li gej:-

1. **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tordna li ssir korrezzjoni kull fejn mehtieg fl-att tat-twelid tal-minuri bin-numru elfejn, tmien mija sebgha u sebghin tas-sena elfejn u ghaxra (2877/2010), fis-sens illi l-isem 'Michaelle' jinbidel ghal 'Mikael' u b'hekk isem il-minuri jigi jaqra 'Mikael Cauchi';

2. Tordna illi l-isem 'Mikael Cauchi' ghandu jibqa' jigi uzat fl-atti civili tieghu l-ohra kollha successivi u sussegwenti.

---

[1] **Dokti RC u FC** a fol 19 - 21 tal-process

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' *Malta*** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi dispozizzjoni tal-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------